



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

---

**2010/0821(NLE)**

14.2.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (00033/2010 – C7-0014/2011 – 2010/0821(NLE))

Korapporteurs: Jean-Paul Gauzès, Edward Scicluna

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jstieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 1

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

(1) (1)L-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jippermetti lill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, u f'ċerti każijiet, mal-Bank Ċentrali Ewropew, li jadotta deċiżjoni li temenda b'mod sħiħ jew parzjali d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Deċiżjoni bħal din ma tistax iżżid il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati u d-dħul fis-seħħ tagħha jiddependi mill-approvazzjoni sussegwenti tal-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

*Emenda*

(1) (1)L-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jippermetti lill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, u f'ċerti każijiet, mal-Bank Ċentrali Ewropew, li jadotta deċiżjoni li temenda b'mod sħiħ jew parzjali d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Deċiżjoni bħal din ma tistax iżżid il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati u d-dħul fis-seħħ tagħha jiddependi mill-approvazzjoni sussegwenti tal-Istati Membri **kollha tal-UE** f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi intenzjonata biex tiċċara liema Stati Membri tal-Unjoni Ewropea se jkollhom japprovaw il-bidla proposta għat-Trattat.*

### Emenda 2

#### Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 3 a (ġdida)

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

**(3a) Waqt il-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew gabel ukoll li l-Istati Membri li l-munita**

*tagħhom mhix l-euro jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet imwettqa mill-mekkaniżmu fuq bażi ad hoc.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi konformi mal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2010.*

### **Emenda 3**

#### **Abbozz ta' deċiżjoni**

#### **Premessa 4**

##### *Test propost mill-Kunsill Ewropew*

(4) Il-mekkaniżmu ta' stabbiltà ser jipprovdi ***l-għodda*** meħtieġa biex jiġu ttrattati tali każijiet ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro ***kollha*** li kien hemm esperjenza tagħhom fl-2010, u ***għalhekk*** jgħinu biex tiġi ppreservata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea nnifisha. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel li, peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser jibqa' meħtieġ għal tali finijiet. ***Għalhekk il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li m'għandux jintuża għal finijiet bħal dawn.***

### **Emenda 4**

#### **Abbozz ta' deċiżjoni**

#### **Premessa 4 a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kunsill Ewropew*

##### *Emenda*

(4) Il-mekkaniżmu ta' stabbiltà ser jipprovdi ***għodda*** meħtieġa biex jiġu ttrattati tali każijiet ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro, ***magħmula mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro***, li kien hemm esperjenza tagħhom fl-2010, u jgħinu biex tiġi ppreservata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea nnifisha. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel li, peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser jibqa' meħtieġ għal tali finijiet ***mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.***

*Stabbiltà u Tkabbir, sorveljanza aktar b'saħħitha tal-baġits nazzjonali, u l-użu ta' proċeduri għal żbilanċji makroekonomiċi ġodda.*

#### **Emenda 5**

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 4 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

*(4b) Hemm bżonn li l-Istati Membri, b'mod partikulari dawk li l-munita tagħhom hi l-euro, jaħdmu flimkien bi spirtu ta' solidarjetà biex jaffrontaw il-kwistjonijiet relatati mal-kompetittività fuq żmien medju u fit-tul u l-iżbilanċji makroekonomiċi bejn l-Istati Membri.*

#### **Emenda 6**

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 4 c (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

*(4c) Il-Kummissjoni għandha tfassal proposta biex tiġi adottata taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja b'sett dettaljat ta' regoli li jstipulaw il-mod kif se jiġi regolat u operat il-mekkaniżmu ta' stabbiltà u għandha tispeċifika xi strumenti se jintużaw fi ħdan il-kamp ta' responsabbiltà tagħha.*

#### **Emenda 7**

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 4 d (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

*(4d) Il-Kummissjoni għandha tistħarreġ ukoll mekkaniżmi oħra biex tiżgura l-*

*istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro, u għandha tagħmel il-proposti leġiżlattivi meħtieġa.*

## **Emenda 8**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 4 e (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

*(4e) Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-potenzjal ta' sistema futura ta' eurobonds, bħala mekkaniżmu addizzjonijiet għall-preżervazzjoni taż-żona tal-euro, u b'mod partikulari għandha tistħarreġ il-kundizzjonijiet skont liema sistema ta' dan it-tip tkun tibbenefika l-Istati Membri parteċipanti kollha u liż-żona tal-euro kollha kemm hi.*

## **Emenda 9**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 4 f (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

*Emenda*

*(4f) Il-kriżi enfasizzat il-ħtieġa li jitħaffew proċess ta' konverġenza u koordinament politiku ekonomiċi bbilanċjati, sostenibbli u kompletament żviluppati li jmorru lil hinn mill-qafas attwali u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-metodu tal-Unjoni. Għaldaqstant, kull reviżjoni ulterjuri tat-TFUE skont il-proċedura normali għandha tinkludi proposti mmirati biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqasma mat-twaqqif u l-funzjonament ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' stabbiltà jiġu integrati u implimentati taħt il-metodu tal-Unjoni.*

## Emenda 10

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 1

*Test proposit mill-Kunsill Ewropew*

*Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:*

**"3. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà *li għandu jiġi attiv* jekk ikun *indispensabbli* biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro *kollha*. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta."**

## Emenda 11

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 1 a (ġdid)

*Test proposit mill-Kunsill*

**"Għal dawk il-miżuri stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-votazzjoni il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biss. F'dak li għandu x'jaqsam mal-punt (c) tal-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-**

*Emenda*

*Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 136(1) TFUE:*

**"(c) jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' stabbiltà *permanenti* biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro *magħmula mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro*. *L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fil-mekkaniżmu*. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta *b'mod konsistenti mal-prinċipji u l-oġettivi tal-Unjoni, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u f'dan it-Trattat*. *Il-mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti għandu jitfassal b'tali mod li jrawwem id-dixxiplina baġitarja u jikkontribwixxi għal finanzi pubbliċi sostenibbli fit-tul."***

*Emenda*

### *Artikolu 1a*

*Fl-Artikolu 136 (2) TFUE, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'li ġej:*

**"Għal dawk il-miżuri stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-votazzjoni il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biss. F'dak li għandu x'jaqsam mal-punt (c) tal-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-**

*votazzjoni il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk li jirrappreżentaw Stati Membri li jieħdu sehem u jikkontribwixxu għall-mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti biss."*

## **Emenda 12**

### **Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kunsill Ewropew*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien bit-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

*Emenda*

L-Istati Membri ***kollha tal-UE*** għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien bit-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi intenzjonata biex tiċċara liema Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar it-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.*



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.2.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 6 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Philippe Lamberts, Werner Langen, Hans-Peter Martin, Íñigo Méndez de Vigo, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sophie Auconie, Elena Băsescu, Arturs Krišjānis Kariņš, Sirpa Pietikäinen, Andreas Schwab, Catherine Stihler
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Roberto Gualtieri